MALTA

ATT Nru. VI ta' l-1994

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jemenda l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101.

ACT No. VI of 1994

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

JIMMY FARRUGIA
Aġent President

22 ta' Frar, 1994

ATT Nru. VI ta' l-1994

ATT biex jemenda l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż, Kap. 101.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1994 li jemenda l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "il-liġi prinċipali".

Emenda ta' l-artikolu 2 tal-liġi prinċipali.

2. L-artikolu 2 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) l-artikolu kif inhu bħal issa għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (1);

(b) fit-test Ingliż tas-subartikolu (1) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid —

(i) minnufih wara t-tifsira ta' "coca leaves" għandha tiżdied din it-tifsira li ġejja:

" "export", with its grammatical variations and cognate expressions, in relation to Malta, means to take or cause to be taken out of Malta in any manner whatsoever;";

(ii) minflok it-tifsiriet ta' "the Geneva Convention (No. 1)", "the Geneva Convention (No. 2)" u "the Hague Convention" għandu jidħol dan li ġej:

" "import", with its grammatical variations and cognate expressions, in relation to Malta, means to bring or cause to be brought into Malta in any manner whatsoever;"; u

(iii) minnufih wara t-tifsira ta' "raw opium", għandha tiżdied it-tifsira li ġejja:

" "the Single Convention" means the Single Convention on Narcotic Drugs adopted at New York on the 30 March, 1961 as subsequently amended by the Protocol adopted in Geneva on the 25 March, 1972;"; u

(ċ) fit-test Malti tas-subartikolu (1) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, minflok it-tifsiriet ta' "il-Konvenzjoni ta' l-Aja", "il-Konvenzjoni (Nru. 1) ta' Ġinevra", u "il-Konvenzjoni (Nru. 2) ta' Ġinevra" għandu jidħol dan li ġej:

" "esportazzjoni", bil-varjazzjonijiet grammatikali tagħha u bl-espressjonijiet imnisslin minnha, tfisser, rigward Malta, tieħu jew iġġiegħel li jittieħed barra minn Malta b'kull mod li jkun;

"importazzjoni", bil-varjazzjonijiet grammatikali tagħha u bl-espressjonijiet imnisslin minnha, tfisser, rigward Malta, iġġib jew iġġiegħel li jinġieb f'Malta b'kull mod li jkun;

"il-Konvenzjoni Singola" tfisser il-Konvenzjoni Singola dwar Narkotiċi adottata fi New York fit-30 ta' Marzu, 1961, kif sussegwentement emendata bil-Protokol adottat f'Ġinevra fil-25 ta' Marzu, 1972;"; u

(d) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu, għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) F'din l-Ordinanza, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, kull riferenza għal din l-Ordinanza għandha titqies li tinkludi riferenza għar-regolamenti magħmula taħtha.".

Emenda ta' l-artikolu 10 tal-liġi prinċipali.

3. Fis-subartikolu (4) ta' l-artikolu 10 tal-liġi prinċipali, minflok il-kliem "illi l-Organizzazzjoni tal-Ġnus Magħquda għarraf lill-partijiet fil-Konvenzjoni (Nru. 1) ta' Ġinevra skond l-artikolu 8 ta' dik il-Konvenzjoni," għandhom jidħlu l-kliem "illi s-Segretarju Ġenerali ta' l-Organizzazzjoni tal-Ġnus Magħquda għarraf lill-partijiet fil-Konvenzjoni Singola,".

Emenda ta' l-artikolu 11 tal-liġi prinċipali.

4. Fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 11 tal-liġi prinċipali, minflok il-kliem "illi, skond l-artikolu 11 tal-Konvenzjoni (Nru. 2) ta' Ġinevra, ġiet ikkomunikata deċiżjoni dwar xi prodott imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu mis-Segretarju Ġenerali ta' l-Organizzazzjoni tal-Ġnus Magħquda lill-partijiet fil-Konvenzjoni hawn fuq imsemmija," għandhom jidħlu l-kliem "illi ġiet ikkomunikata deċiżjoni dwar xi prodott imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu mis-Segretarju Ġenerali ta' l-Organizzazzjoni tal-Ġnus Magħquda lill-partijiet fil-Konvenzjoni Singola,".

Emenda ta' l-artikolu 13 tal-liġi prinċipali.

5. L-artikolu 13 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, il-kliem "Meta l-esportazzjoni tkun sejrą ssir għal pajjiż li ma jkunx parti fil-Konvenzjoni (Nru. 2) ta' Ġinevra, ma jkunx jinħtieġ li jinġieb ċertifikat ta' importazzjoni kif jingħad hawn fuq." għandhom jitħassru;

(b) is-subartikoli (2) u (5) tiegħu għandhom jitħassru; u

(ċ) is-subartikoli (3) u (4) tiegħu kif inhuma bħal issa għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subartikoli (2) u (3) rispettivament.

Emenda ta' l-artikolu 14 tal-liġi prinċipali.

6. L-artikolu 14 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (2) tiegħu, fit-test Ingliż, minflok il-kliem "to whom an important authorization is issued" għandhom jidħlu l-kliem "to whom an import authorization is issued";

(b) fis-subartikolu (4) tiegħu il-kliem "minn pajjiż li huwa parti fil-Konvenzjoni (Nru. 1) ta' Ġinevra" għandhom jitħassru; u

(ċ) is-subartikolu (5) tiegħu għandu jitħassar.

Emenda ta' l-artikolu 15 tal-liġi prinċipali.

7. L-artikolu 15 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tiegħu, il-kliem "barra minn meta l-mediċina tkun ġejja minn pajjiż li ma hux parti fil-Konvenzjoni (Nru. 1) ta' Ġinevra," għandhom jitħassru;

(b) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jitħassar;

(ċ) is-subartikoli (4) u (5) tiegħu kif imhuma bħal issa għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala subartikoli (3) u (4) rispettivament; u

(d) fis-subartikolu (4) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, il-kliem "fil-kors tal-vjaġġ bil-posta jew" għandhom jitħassru.

Żieda ta' artikolu ġdid 15A mal-liġi prinċipali

8. Mĩnnufih wara l-artikolu 15 tal-liġi prinċipali għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Projbizzjoni ġenerali fuq l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' mediċini perikoluż.

15A. (1) Ħadd ma jista' jimporta jew jesporta, jew iġiegħel li tiġi importata jew esportata, jew jagħmel xi ħaġa biex tkun tista' tiġi importata jew esportata, mediċina perikoluża f'Malta jew minn Malta ħlief taħt u skond id-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.

(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, il-kliem "importazzjoni" u "esportazzjoni" u l-varjazzjonijiet grammatikali tagħhom u l-espressjonijiet imnisslin minnhom għandu jkollhom it-tifsir mogħti lilhom fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 2 ta' din l-Ordinanza.".

Emenda ta' l-artikolu 16 tal-liġi prinċipali.

9. L-artikolu 16 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (2) tiegħu minflok il-kliem "lill-Kontrullur tad-Dwana awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni jew ċertifikat ta' tibdil ta' destinazzjoni validi u li jkunu għadhom iseħħu, iżda jekk il-mediċina tkun ġejja minn pajjiż li mhux parti fil-Konvenzjoni (Nru. 1) ta' Ġinevra, dan is-subartikolu ma jgħoddx." għandhom jidħlu l-kliem "lill-Kontrullur tad-Dwana awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni jew ċertifikat ta' tibdil ta' destinazzjoni validi u li jkunu għadhom iseħħu."; u

(b) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jitħassar.

Emenda ta' l-artikolu 18 tal-liġi prinċipali.

10. Fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 18 tal-liġi prinċipali, il-kliem "jekk dak il-pajjiż ma jkunx parti fil-Konvenzjoni (Nru. 1) ta' Ġinevra," għandhom jitħassru.

Emenda ta' l-artikolu 22 tal-liġi prinċipali.

11. L-artikolu 22 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "ta' din l-Ordinanza jew ir-regolamenti magħmulin taħtha; jew" għandhom jidħlu l-kliem "ta' din l-Ordinanza; jew";

(b) fil-paragrafu (d) tas-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "ta' xi liġi korrispondenti li tkun isseħħ f'dak il-post," għandhom jidħlu l-kliem "ta' xi liġi korrispondenti li tkun isseħħ f'dak il-post, jew jassoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta sabiex jagħmel tali reat,";

(ċ) fis-subartikolu (1A) tiegħu, minflok il-kliem "fil-paragrafu (**f**)" għandhom jidħlu l-kliem "fil-paragra**f**i (d) u (**f**)";

(d) minflok is-subartikolu (1B) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(1B) Għall-finijiet ta' din l-Ordinanza l-kelma "jittraffika" (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha) b'riferenza għal traffikar f'mediċina, tinkludi l-koltivazzjoni, l-importazzjoni, il-manifattura, l-esportazzjoni, id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista, li wieħed joffri li jagħmel xi wieħed minn dawn l-atti, u l-għoti ta' informazzjoni intiża biex twassal għax-xiri ta' tali mediċina bi ksur ta' din l-Ordinanza.";

(e) minnufih wara s-subartikolu (1B) tiegħu għandhom jiżdiedu dawn is-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(1Ċ) (a) Persuna tkun ukoll ħatja ta' reat kontra din l-Ordinanza jekk tuża, tittrasferixxi l-pussess ta', tibgħat jew tikkonsenja lil xi persuna jew post, takkwista, tirċievi, iżżomm, tittrasporta, tittrasmetti, toltera, tiddisponi minn jew b'xi mod ieħor tinnegozja, bi kwalunkwe mod jew bi

kwalunkwe mezz, xi flus, proprjetà (kemm jekk mobbli jew immobbli) jew xi rikavat minn dawk il-flus jew minn dik il-proprjetà bil-ħsieb li taħbi jew tikkonverti dawk il-flus jew dik il-proprjetà jew dak ir-rikavat u tkun taf jew ikollha suspett li dawk il-flus jew proprjetà kollha jew parti minnhom, jew dak ir-rikavat kollu jew parti minnu, ikunu ġew miksuba jew riċevuti, direttament jew indirettament, bħala riżultat ta' —

(i) l-għemil ta' reat imsemmi fis-subartikolu (1) jew fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1D); jew

(ii) xi att ta' kommissjoni jew ommissjoni f'xi post barra minn dawn il-Gżejjer li jekk isir f'dawn il-Gżejjer ikun jikkostitwixxi reat taħt is-subartikolu (1) jew il-paragrafu (a) tas-subartikolu (1D).

(b) Fi proċedimenti għal reat taħt il-paragrafu (a) ta' dan is-subartikolu, meta l-prosekuzzjoni ġġib prova li l-imputat jew akkużat ma jkun ta ebda spjegazzjoni raġonevoli li turi li dawk il-flus, proprjetà jew rikavat ma kenux flus, proprjetà jew rikavat kif deskritti fl-imsemmi paragrafu, l-oneru li jipprova l-provenjenza leċita ta' dawk il-flus, proprjetà jew rikavat tkun tinkombi fuq il-persuna imputata jew akkużata.

(1D) (a) Persuna tkun ukoll ħatja ta' reat kontra din l-Ordinanza jekk tbiegħ jew xort'oħra tittraffika f'sustanza msemmija fit-Tielet Skeda li tinsab ma' din l-Ordinanza meta tkun taf jew ikollha suspett illi s-sustanza tkun sejra tintuża fi jew għall-produzzjoni ta' mediċina kontra d-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza; u t-tifsira ta' "jittraffika" fis-subartikolu (1B) għandha tapplika, *mutatis mutandis,* għal dan is-subartikolu.

(b) Il-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika jista' jagħmel regolamenti biex jikkontrolla l-manifattura, il-bejgħ, il-pussess, id-distribuzzjoni, l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' kull waħda mis-sustanzi msemmija fit-Tielet Skeda li tinsab ma' din l-Ordinanza u partikolarment, iżda mingħajr ħsara tas-setgħa ġenerali hawn fuq imsemmija, għal kull wieħed mill-finijiet imsemmija fil-paragrafi (a) sa (e) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 9, safejn ikun applikabbli, bir-riferenza għall-mediċini f'dawk il-paragrafi mifhuma bħala riferenza għall-imsemmija sustanzi.";

(f) minflok is-subartikolu (2) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Kull persuna akkużata b'reat kontra din l-Ordinanza għandha titressaq jew quddiem il-Qorti Kriminali jew quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skond kif jordna l-Avukat Ġenerali, u jekk tinsab ħatja teħel, għal kull reat —

(a) meta tinsab ħatja mill-Qorti Kriminali —

(i) meta r-reat ikun reat taħt l-artikolu 4 jew taħt il-paragrafu (ċ) ta' l-artikolu 8 jew ikun jikkonsisti fil-bejgħ jew traffikar ta' mediċina bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza jew ikun reat taħt il-paragrafu (f) tas-subartikolu (1), jew ikun reat ta' pussess ta' mediċina, bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, taħt tali ċirkostanzi li l-qorti tkun sodisfatta li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tal-ħati, jew ikun reat imsemmi fis-subartikolu (1Ċ) jew (1D), priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn erba' snin iżda mhux iżjed minn għoxrin sena u multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija iżda mhux iżjed minn ħamsin elf lira Maltija; u

(ii) għal kull reat ieħor, priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tnax-il xahar iżda mhux iżjed minn għaxar snin u multa ta' mhux inqas minn mitejn lira Maltija iżda mhux iżjed minn għaxart elef lira Maltija; jew

(b) meta tinsab ħatja mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) —

(i) meta r-reat ikun reat taħt l-artikolu 4 jew taħt il-paragrafu (ċ) ta' l-artikolu 8 jew ikun jikkonsisti fil-bejgħ jew traffikar ta' mediċina bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza jew ikun reat taħt il-paragrafu (f) tas-subartikolu (1), jew ikun reat ta' pussess ta' mediċina, bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, taħt tali ċirkostanzi li l-qorti tkun sodisfatta li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tal-ħati, jew ikun reat imsemmi fis-subartikolu (1Ċ) jew (1D), priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn sitt xhur iżda mhux iżjed minn ħames snin u multa ta' mhux inqas minn mitejn lira Maltija iżda mhux iżjed minn elfejn lira Maltija; u

(ii) għal kull reat ieħor, priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tliet xhur iżda mhux iżjed minn tnax-il xahar jew multa ta' mhux inqas minn mitejn lira Maltija iżda mhux iżjed minn elf lira Maltija jew dik il-priġunerija u multa flimkien,

u f'kull każ li persuna tinsab ħatja ta' reat kontra din l-Ordinanza, l-oġġetti kollha li dwarhom ikun sar ir-reat jiġu konfiskati favur il-Gvern, u kull oġġett hekk konfiskat għandu, jekk il-qorti hekk tordna, jiġi distrutt jew isir minnu xort'oħra kif jista' jiġi provdut fl-ordni:

Iżda, għall-finijiet ta' dan is-subartikolu, meta l-persuna akkużata ma tkunx għalqet l-età ta' sittax-il sena u kemm-il darba ma tkunx akkużata flimkien ma' persuna oħra li tkun għalqet l-età ta' sittax-il sena, kull riferenza għall-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew għall-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) għandha tiftiehem bħala riferenza għall-Qorti tal-Minorenni: Kap. 287.

Iżda wkoll meta persuna tinsab ħatja kif provdut fis-subparagrafu (i) tal-paragrafu (a) jew fis-subparagrafu (i) tal-paragrafu (b) u r-reat ikun sar fi, jew ġewwa distanza ta' 100 metru mill-perimetru ta', skola, *club* jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ, jew ir-reat ikun jikkonsisti fil-bejgħ, fil-provvista, fl-amministrazzjoni jew f'li wieħed joffri li jagħmel xi wieħed minn dawn l-atti, lil minuri, lil mara tqila jew lil persuna li tkun qed issegwi programm ta' kura jew ta' riabilitazzjoni mid-dipendenza mid-drogi, il-piena tiżdied bi grad.";

(ġ) fil-proviso għas-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "u tkun għand min jagħmel ir-reat b'xi titolu ieħor," għandhom jidħlu l-kliem "u tkun għand min jagħmel ir-reat b'xi titolu ieħor, kemm jekk reali jew xort'oħra,";

(ħ) fis-subartikolu (7) tiegħu, minflok il-kliem "l-konfiska ta' xi titolu ta' proprjetà immobbli" għandhom jidħlu l-kliem "l-konfiska ta' proprjetà immobbli jew ta' xi titolu ta' dik il-proprjetà"; u

(i) minflok is-subartikolu (8) tiegħu għandhom jidħlu dawn is-subartikoli li ġejjin:

"(8) Meta jirriżulta lill-qorti li l-ħati, li ma jkunx persuna li tkun instabet ħatja ta' reat kif hemm imsemmi fis-subparagrafu (i) tal-paragrafu (a) jew fis-subparagrafu (i) tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (2), ikun jinħtieġ kura u għajnuna għar-rijabilitazzjoni tiegħu mid-dipendenza fuq xi mediċina perikoluża (kif imfissra fl-artikolu 12), il-qorti tista', minflok ma tapplika xi waħda mill-pieni provduti fis-subartikoli ta' qabel dan, tqiegħed lill-ħati fuq *probation* skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar il-*Probation* ta' Ħatjin, hekk iżda li dak l-ordni ta' *probation* jista' jsir minkejja li l-ħati, li jkun għalaq l-erbatax il-sena, ma jkunx wera r-rieda tiegħu li jħares il-ħtiġiet ta' l-ordni kif provdut fis-subartikolu (5) ta' l-artikolu 5 ta' dak l-Att. Kap. 152.

(9) Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 21 u 28A tal-Kodiċi Kriminali u d-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar il-*Probation* ta' Ħatjin ma jkunux applikabbli dwar xi persuna misjuba ħatja ta' reat kif imsemmi fis-subparagrafu (i) tal-paragrafu (a) jew fis-subparagrafu (i) tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (2). Kap. 9. Kap. 152.

(10) Meta, fil-każ ta' persuna misjuba ħatja ta' reat imsemmi fis-subartikolu (9), il-qorti tkun sodisfatta li dik il-persuna tkun teħtieġ kura għar-rijabilitazzjoni tagħha mid-dipendenza fuq xi mediċina perikoluża (kif imfissra fl-artikolu 12) u —

(a) il-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika jiċċertifika bil-miktub li dik il-kura tista' tingħata fil-ħabs, u

(b) il-persuna hekk misjuba ħatja taqbel li toqgħod għal dik il-kura,

il-qorti tista', fl-għoti tas-sentenza, tordna li l-persuna tingħatalha dik il-kura fil-ħabs (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "ordni għal kura") għal dak il-perijodu ta' żmien (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-perijodu ta' kura") li jiġi speċifikat fl-ordni (li ma jkunx itwal mill-perijodu ta' żmien, kif imnaqqas skond dan is-subartikolu, li l-persuna misjuba ħatja jkollha tiskonta fil-ħabs) u l-piena ta' priġunerija li, kieku ma kienx għad-dispożizzjonijiet ta'dan is-subartikolu, kienet tingħata (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "il-piena oriġinali"), u li għandha tiġi espressament imsemmija fis-sentenza, għandha titnaqqas mill-qorti b'mhux iżjed minn terz.

(11) Jekk matul il-perijodu ta' kura, il-qorti li tkun għamlet l-ordni għal kura tkun sodisfatta, fuq rikors ta' l-Avukat Ġenerali, li l-persuna li għaliha jirreferi l-ordni tkun, mingħajr raġuni valida (li l-prova ta' dan tinkombi fuq dik il-persuna), irrifjutat il-kura jew tkun ġabet ruħha b'mod li tagħmel il-kura tagħha, jew dik ta' priġunieri oħra, diffiċli jew ineffettiva, hija għandha tirrevoka dak l-ordni u tordna li tiġi skontata l-piena oriġinali.

(12) Il-qorti li tkun għamlet l-ordni għal kura għandha, fuq rikors magħmul f'kull żmien matul il-perijodu ta' kura mill-persuna li għaliha jirreferi l-ordni u li jkun jitlob ir-revoka ta' dak l-ordni, tirrevoka dak l-ordni u tordna li tiġi skontata l-piena oriġinali.

(13) Il-qorti li tkun għamlet l-ordni għal kura tista', fuq rikors magħmul f'kull żmien matul il-perijodu ta' kura mill-persuna li għaliha jirreferi l-ordni jew mill-Avukat Ġenerali, tneħħi dak l-ordni jekk tkun sodisfatta li l-kura ma tkunx aktar xierqa.

(14) Għall-finijiet tas-subartikoli (10) sa (13) —

(a) kull deċiżjoni tal-qorti li tirrevoka ordni għal kura u tordna li għandha tiġi skontata l-piena oriġinali ma tkunx suġġetta għal appell;

(b) meta ordni għal kura jiġi konfermat jew mibdul mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, l-ordni għandu jitqies li jkun sar mill-imsemmija qorti;

(ċ) ordni għal kura għandu, kemm-il darba ma jkunx ġie revokat jew imneħħi jew ikun spiċċa milli jkollu seħħ aktar kmieni, jispiċċa milli jkollu seħħ minn dak in-nhar li tkun ġiet skontata jew maħfura l-piena ta' priġunerija għar-reat li dwaru jkun sar l-ordni.".

Emenda ta' l-artikolu 22B tal-liġi prinċipali.

12. Fl-artikolu 22B tal-liġi prinċipali, minflok il-kliem "teħel meta tinsab ħatja ammenda ta' mhux iżjed minn ħames mitt lira Maltija," għandhom jidħlu l-kliem "teħel meta tinsab ħatja multa ta' mhux iżjed minn ħamest elef lira Maltija, jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien,".

Emenda ta' l-artikolu 22C tal-liġi prinċipali.

13. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 22C tal-liġi prinċipali, minflok il-kliem "mill-eġħmil tar-reat" għandhom jidħlu l-kliem "mill-eġħmil ta' xi reat taħt din l-Ordinanza (kemm jekk ikun jew ma jkunx hekk aġġudikat minn qorti tal-ġustizzja kriminali)".

Emenda ta' l-artikolu 22E tal-liġi prinċipali.

14. Minnufih wara s-subartikolu (6) ta' l-artikolu 22E tal-liġi prinċipali għandhom jiżdiedu dawn is-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(7) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ma għandhomx japplikaw meta l-mediċina tkun diġà ġiet fotografata u analizzata minn periti nominati fil-kors ta' l-inkjesta dwar l-*in genere*, kemm il-darba l-qorti, fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, ma tħossx il-ħtieġa li l-mediċina terġa' tiġi fotografata u analizzata.

(8) In-nuqqas ta' xi kawtela jew formalità msemmija f'dan l-artikolu ma jkunx ta' impediment li ssir il-prova, b'kull mod permess bil-liġi, tal-fatti li dwarhom din il-kawtela jew formalità tkun tirreferi.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 23 tal-liġi prinċipali.

15. Minflok l-artikolu 23 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Tifsir tal-kelmiet "liġi korrispondenti".

23. Għall-finijiet ta' l-artikoli 22 u 30B, il-kelmiet "liġi korrispondenti" ifissru liġi msemmija f'ċertifikat li jidher maħruġ minn jew f'isem ta' Gvern ta' pajjiż barra minn Malta bħala liġi li tipprovdi, kemm esklussivament jew xort'oħra, għall-kontroll jew għar-regolament f'dak il-pajjiż tal-manifattura, bejgħ, użu, pussess, trasferiment, esportazzjoni, importazzjoni jew traffikar ta' mediċini perikoluż, narkotiċi jew sustanzi psikotropiċi; u kull dikjarazzjoni f'dak iċ-ċertifikat dwar l-effett tal-liġi msemmija fiċ-ċertifikat, jew kull dikjarazzjoni f'ċertifikat bħal dan illi ċerti fatti huma reat kontra dik il-liġi, hija finali.".

Żieda ta' artikolu ġdid 24A mal-liġi prinċipali.

16. Minnufih wara l-artikolu 24 tal-liġi prinċipali għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Setgħat addizzjonali ta' investigazzjoni.

24A. (1) Meta, wara informazzjoni li tasallu, l-Avukat Ġenerali jkollu raġuni biżżejjed biex jissuspetta li persuna (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "il-persuna suspettata"):

(a) tkun ħatja ta' bejgħ jew traffikar ta' xi mediċina kontra d-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, jew

(b) tkun ħatja ta' xi reat imsemmi fil-paragrafi (e) jew (f) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 22, jew

(ċ) tkun ħatja ta' reat imsemmi fil-paragrafu (d) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 22 b'riferenza għal xi reat imsemmi fil-paragrafi ta' qabel dan ta' dan is-subartikolu, jew

(d) tkun ħatja ta' reat imsemmi fis-subartikolu (1Ċ) ta' l-artikolu 22,

huwa jista' jitlob lill-Qorti Kriminali għal ordni (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "ordni ta' investigazzjoni") biex persuna (inkluż korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk persuna ġuridika jew le) imsemmija fl-ordni li tidher li għandha fil-pussess tagħha materjal partikolari jew materjal ta' deskrizzjoni partikolari li x'aktarx li jkun ta' siwi sostanzjali (kemm jekk waħdu jew flimkien ma' materjal ieħor) għall-investigazzjoni ta', jew in konnessjoni ma', il-persuna suspettata, turi jew tagħti aċċess għal dak il-materjal lill-persuna jew persuni indikati fl-ordni; u l-persuna jew persuni hekk indikati jkollhom, bis-saħħa ta' l-ordni ta' investigazzjoni, is-setgħa li jidħlu f'kull dar, bini jew reċint ieħor sabiex jagħmlu tfittxija għal dak il-materjal.

(2) Meta jkun sar jew ikun intalab ordni ta' investigazzjoni, kull min, meta jkun jaf jew ikollu suspett li tkun qed issir l-investigazzjoni, jikxef xi ħaġa li tista' tippreġudika l-imsemmija investigazzjoni ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux iżjed minn ħamest elef lira Maltija jew priġunerija għal mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien:

Iżda fi proċedimenti għal reat taħt dan is-subartikolu, l-akkużat ikun jista' jiddefendi ruħu billi jipprova illi huwa ma kienx jaf jew jissuspetta li l-kxif seta' jippreġudika l-investigazzjoni.

(3) Ordni ta' investigazzjoni:

(a) ma jaghti ebda jedd għall-produzzjoni ta', aċċess għal, jew tiftix għal komunikazzjonijiet bejn avukat jew prokuratur legali u l-klijent tiegħu li fi

Kap. 9.
Kap. 12.

proċedimenti legali jkunu protetti kontra l-kxif bis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 642 tal-Kodiċi Kriminali jew bis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 588 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

(b) għandu, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu ta' qabel dan, ikollu seħħ minkejja kull obbligu dwar is-segretezza jew restrizzjoni fuq il-kxif ta' informazzjoni imposti minn kull liġi jew xort'oħra; u

(ċ) jista' jsir dwar materjal fil-pussess ta' dipartiment tal-gvern.

(4) Meta l-materjal li dwaru tkun tirreferi talba taħt is-subartikolu (1) ikun jikkonsisti f'informazzjoni li tkun f'*computer*, l-ordni ta' investigazzjoni għandu jkollu seħħ bħala ordni għall-produzzjoni tal-materjal, jew għall-għoti ta' aċċess għal dak il-materjal, f'għamla li wieħed jista' jieħdu miegħu u li jkun viżibbli u leġibbli.

(5) Kull persuna li, wara li tkun ġiet ordnata biex tipproduċi jew tagħti aċċess għal materjal kif provdut fis-subartikolu (1), mingħajr raġuni valida (li l-prova tagħha tkun tinkombi fuqha) volontarjament tonqos jew tirrifjuta li tobdi dak l-ordni ta' investigazzjoni, jew li volontarjament timpedixxi jew tostakola xi tfittxija għal dak il-materjal, tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn ħamest elef lira Maltija jew priġunerija għal mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(6) Flimkien ma', jew separatament minn, talba għal ordni ta' investigazzjoni, l-Avukat Ġenerali jista', fiċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafi (a) sa (d) tas-subartikolu (1), jitlob lill-Qorti Kriminali għal ordni (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "ordni ta' sekwestru") —

(a) li jissekwestra f'idejn dawk il-persuni (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "is-sekwestratarji") li jkunu msemmijin fit-talba l-flus u l-proprjetà mobbli oħra kollha li jkunu dovuti jew jgħajjtu jew jappartjenu lill-persuna suspettata,

(b) li jordna lis-sekwestratarju biex jiddikjara bil-miktub lill-Avukat Ġenerali, mhux aktar tard minn erba' u għoxrin siegħa mill-ħin tan-notifika ta' l-ordni, ix-xorta u l-provenjenza tal-flus u l-proprjetà mobbli oħra kollha hekk sekwestrati, u

(ċ) li jipprojbixxi lill-persuna suspettata milli tittrasferixxi jew b'xi mod ieħor tiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli.

(7) Qabel ma tagħmel ordni ta' investigazzjoni jew ordni ta' sekwestru, il-qorti tista' titlob li tisma' lill-Avukat Ġenerali bil-magħluq u ma tagħmilx dak l-ordni —

(a) kemm-il darba ma taqbilx ma' l-Avukat Ġenerali li hemm raġuni biżżejjed kif provdut fis-subartikolu (1); u

(b) fil-każ ta' ordni ta' investigazzjoni, kemm-il darba l-qorti ma tkunx sodisfatta li jkun hemm raġuni biżżejjed biex wieħed jissuspetta li l-materjal li għalih tirreferi t-talba —

(i) x'aktarx li jkun ta' siwi sostanzjali (kemm jekk waħdu jew flimkien ma' materjal ieħor) għall-investigazzjoni li għaliha tkun saret it-talba, u

(ii) ma jkunx jikkonsisti f'komunikazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (3).

(8) Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi (a), (b) u (e) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 381 u tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 382 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandhom japplikaw, *mutatis mutandis,* għall-ordni ta' sekwestru.

Kap. 12.

(9) Ordni ta' sekwestru għandu jiġi notifikat lis-sekwestratarju u lill-persuna suspettata minn uffiċjal tal-Pulizija Eżekuttiva li ma jkunx taħt il-grad ta' spettur.

(10) Kull persuna li tikser ordni ta' sekwestru tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn ħamest elef lira Maltija jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien:

Iżda meta r-reat ikun jikkonsisti fil-ħlas jew konsenja lil xi persuna mis-sekwestratarju ta' xi flus jew proprjetà mobbli oħra sekwestrata kif provdut fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (6) jew ikun jikkonsisti fit-trasferiment jew tneħħija ta' xi proprjetà mobbli jew immobbli mill-persuna suspettata bi ksur tal-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (6), il-multa għandha dejjem tkun mill-inqas id-doppju tal-valur tal-flus jew proprjetà in kwistjoni.

(11) Ordni ta sekwestru għandu, kemm-il darba ma jiġix revokat aktar kmieni mill-Avukat Ġenerali b'avviż bil-miktub notifikat lill-persuna suspettata u lis-sekwestratarju bil-mod provdut fis-subartikolu (9), jispiċċa milli jkollu seħħ ma' egħluq tletin jum mid-data li fiha jkun sar; u l-qorti ma tagħmilx ordni ieħor ta' sekwestru dwar dik il-persuna suspettata kemm-il darba ma tkunx sodisfatta li hemm informazzjoni sostanzjalment ġdida dwar xi atti msemmija fil-paragrafi (a) sa (d) tas-subartikolu (1).

Iżda l-imsemmi perijodu ta' tletin jum għandu jitwaqqaf għal dak iż-żmien li l-persuna suspettata tkun tinsab barra minn dawn il-Gżejjer u l-Avukat Ġenerali javża b'dan il-fatt lis-sekwestratarju b'avviż bil-miktub notifikat bil-mod provdut fis-subartikolu (9).

(12) Waqt li tkun qed issir investigazzjoni ta' reat kontra din l-Ordinanza, il-Pulizija Esekuttiva tista' titlob lil maġistrat biex jisma' bil-ġurament lil kull persuna li hija taħseb li għandha informazzjoni dwar dak ir-reat; u l-maġistrat għandu minnufih jisma' lil dik il-persuna bil-ġurament.

(13) Għall-fini tas-smigħ bil-ġurament ta' persuna kif provdut fis-subartikolu (12) il-maġistrat ikollu l-istess setgħat li bil-liġi għandha l-Qorti taʼ Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti Istruttorja kif ukoll is-setgħat imsemmija fl-artikolu 554 tal-Kodiċi Kriminali; iżda dak is-smigħ għandu dejjem isir bil-magħluq. Kap. 9.

(14) Ebda qorti ma tista' toħroġ mandat ta' inibizzjoni għall-waqfien ta' l-esekuzzjoni ta' ordni ta' investigazzjoni.".

17. L-artikolu 26 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 26 tal-liġi prinċipali.

(a) l-artikolu kif inhu bħal issa għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala subartikolu (1); u

(b) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Meta r-reat li bih persuna tkun akkużata ikun dak ta' pussess ta', jew bejgħ jew traffikar ta', mediċina kontra d-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza l-akkużat ma jkunx jista' jiddefendi ruħu kontra dik l-akkuża billi jipprova illi huwa ħaseb li kellu fil-pussess tiegħu, jew li kien qed ibiegħ jew jittrafika, xi ħaġa li ma kenitx il-mediċina msemmija fl-akkuża jekk il-pussess ta', jew il-bejgħ jew traffikar ta', dik il-ħaġa oħra kien ikun, fiċ-ċirkostanzi, bi ksur ta' xi dispożizzjoni ta' din l-Ordinanza jew ta' xi liġi oħra.".

18. L-artikolu 27 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 27 tal-liġi prinċipali.

(a) minflok il-kliem "taħt il-paragrafu (f) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 22" għandhom jidħlu l-kliem "taħt il-paragrafu (f) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 22 jew bir-reat imsemmi fis-subartikolu (1Ċ) ta' l-imsemmi artikolu 22"; u

(b) minflok il-kliem "il-Qorti tista' tagħti l-libertà proviżorja skond id-dispożizzjonijiet ta' dak il-Kodiċi." għandhom jidħlu l-kliem "il-qorti tista' tagħti l-libertà proviżorja skond id-dispożizzjonijiet ta' dak il-Kodiċi:

Kap. 9.

Iżda jekk iż-żmien tal-kumpilazzjoni jiġi mwaqqaf għar-raġuni speċifikata fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 402 tal-Kodiċi Kriminali, il-qorti tista' madankollu tagħti l-libertà proviżorja wara li jkunu għaddew għoxrin jum minn meta dik il-persuna titressaq il-qorti.".

Żieda ta' artikoli ġodda mal-liġi princ̀ipali.

19. Minnufih wara l-artikolu 30 tal-liġi princ̀ipali għandhom jiżdiedu dawn l-artikoli ġodda li ġejjin:

"Dikjarazzjoni tista' tingieb bħala prova.

30A. Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali, meta persuna tkun involuta f'xi reat kontra din l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni magħmula minn dik il-persuna u li tiġi konfermata bil-ġurament quddiem maġistrat u kull xiehda mogħtija minn dik il-persuna quddiem xi qorti tista' tingieb bi prova kontra kull persuna oħra akkużata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm-il darba jinsab li dik id-dikjarazzjoni jew xiehda tkun saret jew ingħatat volontarjament, u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża, jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi.

Konsenja u xiri kontrollati.

30B. (1) Minkejja kull ħaġa li tinsab f'kull liġi oħra, il-Pulizija Esekuttiva, u fejn ikun il-każ, l-Awtoritajiet tad-Dwana, jistgħu, bil-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali jew ta' maġistrat, iħallu li ssir konsenja kontrollata.

(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, konsenja kontrollata tfisser it-teknika li biha konsenja illeċita jew suspettata ta' mediċina perikoluża (kif imfissra fl-artikolu 12) titħalla toħroġ minn Malta, tgħaddi minn Malta jew tidħol Malta, jew titħalla tgħaddi minn post jew mingħand persuna f'Malta għal post ieħor jew persuna oħra f'Malta, jew titħalla tidħol fit-territorju ta' pajjiż ieħor bil-kunsens u taħt is-sorveljanza tal-Pulizija Esekuttiva u, fejn tkun il-każ, ta' l-Awtoritajiet tad-Dwana u ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' dak il-pajjiż ieħor, bil-għan li jiġu identifikati l-persuni involuti fl-egħmil tar-reati taħt din l-Ordinanza jew taħt il-liġi korrispondenti li tkun issehħ fit-territorju ta' dak il-pajjiż ieħor.

(3) Il-Pulizija Esekuttiva tista', bil-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali jew ta' maġistrat, bil-għan li tidentifika persuni involuti fl-egħmil tar-reati taħt din l-Ordinanza, takkwista jew tipprokura mediċina perikoluża (kif imfissra fl-artikolu 12) mingħand kull persuna u minn kull post.".

Emenda tat-Tieni Skeda li tinsab mal-liġi princ̀ipali.

20. It-Tieni Skeda li tinsab mal-liġi princ̀ipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) minflok il-Formula A tagħha għandu jidħol dan li ġej:

"FORMULA A

(Artikolu 14(2))

ORDINANZA DWAR IL-MEDIĊINI PERIKOLUŻI
(KAPITOLU 101)

Ċertifikat għall-Importazzjoni maħruġ mill-Gvern ta' Malta — Nru. tas-Serje ..... Nru. tal-*File* .....

ĊERTIFIKAT TA' APPROVAZZJONI UFFIĊJALI GĦALL-IMPORTAZZJONI

Jien, il-persuna nkarigata mill-amministrazzjoni tal-liġi dwar il-mediċini perikoluż li għalihom tgħodd il-Konvenzjoni Singola 1961, b'dan niċċertifika illi jien approvajt l-importazzjoni minn*
ta'†
minn‡
taħt il-kondizzjonijiet illi —

(i) il-merkanzija għandha tiġi mportata qabel il-

(ii) il-merkanzija għandha tiġi mportata f'partita waħda; u

(iii) jekk l-importazzjoni tal-mediċini kollha speċifikati hawn fuq ma ssirx qabel id-data speċifikata fil-kondizzjoni Nru. (i) din l-awtorizzazzjoni għandha tingħata lura minnufih lit-Tabib Prinċipali tal-Gvern

u li jien sodisfatt illi l-merkanzija li sejra tiġi mportata hija meħtieġa —

(1) ¶għal skopijiet leġittimi (*fil-każ ta' oppju mhux maħdum jew ta' werqa tal-koka*).

(2) ¶għal skopijiet mediċinali jew xjentifiċi biss (*fil-każ ta' mediċini perikoluż minn barra l-oppju mhux maħdum u l-weraq tal-koka*).

(Data) .....

(Firma u timbru tat-Tabib Prinċipali tal-Gvern).

Dan id-dokument huwa biss biex jiġi ippreżentat lill-Gvern tal-pajjiż li minnu l-mediċina sejra tinġieb.

---

*Isem, indirizz u negozju ta' l-importatur.
†Deskrizzjoni eżatta u kwantità tal-mediċini li sejrin jiġu importati.
‡Isem u indirizz tad-ditta fil-pajjiż ta' l-esportazzjoni minn fejn il-mediċina tkun sejra tinġieb.
¶Ħassar il-kelmiet li ma jgħoddux għall-każ.";

(b) minflok il-Formula B tagħha għandu jidħol dan li ġej:

"FORMULA B

(Artikolu 13(1))

ORDINANZA DWAR IL-MEDIĊINI PERIKOLUŻI
(KAPITOLU 101)

Nru. tal-*File* .....
Nru. tar-Riferenza.
ta' l-Applikant .....

Nru. tas-Serje .....

AWTORIZZAZZJONI GĦALL-ESPORTAZZJONI

Bis-saħħa ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż (Kapitolu 101), it-Tabib Prinċipali tal-Gvern b'din jawtorizza (iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-esportatur") li jesporta minn —

(1) *mill-port ta' bil-vapur
(2) *minn Malta f Pakk (i) Postali mill-
sa skond iċ-
Ċertifikat ta' Importazzjoni Nru. li jġib id-data
maħruġ minn
il-mediċini li ġejjin, jiġifieri —

Din l-awtorizzazzjoni hija maħruġa taħt il-kondizzjonijiet li ġejjin:

1. Din l-awtorizzazzjoni mhix liċenza biex wieħed jakkwista jew ikollu l-pussess tal-mediċini msemmijin hawnhekk.

2. Din l-awtorizzazzjoni tiswa biss għal mediċini ta' l-istess kwantità, kwalità u forma msemmijin hawn fuq.

3. Din l-awtorizzazzjoni ma teħlisx lill-esportatur milli jħares ir-regolamenti tad-dwana li jkunu jseħħu f'dak iż-żmien dwar l-esportazzjoni ta' oġġetti minn Malta u lanqas mid-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Uffiċċju tal-Posta (Kapitolu 254), jew tar-regolamenti tal-posta li jkunu jseħħu f'dak iż-żmien u lanqas minn regoli jew regolamenti dwar it-trasmissjoni ta' oġġetti bil-posta li f'dak iż-żmien ikunu jseħħu, sew f'Malta jew xi mkien ieħor.

4. Jekk il-mediċini jkunu awtorizzati biex jiġu esportati b'bastiment il-kopja duplikata, li jkun hemm magħhom, għandha takkumpanja l-merkanzija għal-lok ta' destinazzjoni u għal dan l-iskop l-esportatur għandu jieħu ħsieb li tiġi kkunsinnata lill-kaptan tal-bastiment li bih il-merkanzija tinbagħat.

---

* Ħassar il-kelmiet li ma jgħoddux.

5. Jekk il-mediċini jkunu awtorizzati biex jiġu esportati bil-posta, il-kopja duplikata li jkun hemm magħhom għandha titqiegħed ġewwa l-qoxra ta' barra tal-pakk li jkun fih il-mediċini. Jekk il-mediċini jkunu f'aktar minn pakk wieħed, il-kopja duplikata għandha titqiegħed ġewwa l-qoxra ta' barra ta' wieħed minnhom; il-pakki għandhom ikunu innumerati wieħed wara l-ieħor fuq il-qoxra ta' barra, u fuq kull pakk għandu jkun hemm indikat b'mod li jista' jinqara n-numru tal-pakk li fih tkun tinsab il-kopja duplikata. [*Ara nota (2) hawn taħt.*]

6. L-esportatur, meta mitlub mill-Kontrullur tad-Dwana, għandu jġiblu, fiż-żmien li jagħtih, prova sodisfaċenti illi l-mediċini hawn fuq imsemmija ġew regolarment ikkunsinnati fid-destinazzjoni msemmija f'din l-awtorizzazzjoni, u kemm-il darba din il-kundizzjoni ma tiġix imħarsa, l-awtorizzazzjoni għandha titqies bħala nulla u mingħajr effett.

7. L-esportatur għandu jagħti lit-Tabib Prinċipali tal-Gvern ir-rapport ta' l-oġġetti esportati minnu skond din l-awtorizzazzjoni kif minn żmien għal ieħor jiġi mitlub.

8. Din l-awtorizzazzjoni tgħodd biss għall-esportatur imsemmi hawn fuq u tista' tiġi mħassra, f'kull żmien li jkun, mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern. Għandha tingħieb għall-ispezzjoni meta mitluba minn persuna awtorizzata għalhekk.

9. Din l-awtorizzazzjoni, jekk ma tkunx ġiet imħassra qabel, tibqa' sseħħ għal tliet xhur minn din id-data. Għandha tiġi ippreżentata meta ssir l-esportazzjoni, lil uffiċjal —

(1) *tad-Dipartiment tad-Dwana,
(2) *tal-Posta,

li jżommha. Jekk ma jsirx użu minnha għandha tingħata lura lit-Tabib Prinċipali tal-Gvern fi żmien sebat ijiem mid-data li tkun għalqet.

(Data) .....

.....
(Firma u timbru tat-Tabib Prinċipali tal-Gvern).

---

* Ħassar il-kelmiet li ma jgħoddux.

Nota:

(1) Jekk f'din l-awtorizzazzjoni jkun jinħtieġ xi tibdil, hija għandha tintbagħat lura b'talba biex isir dan it-tibdil u b'dikjarazzjoni tar-raġunijiet ta' dan it-tibdil. Ma jista' jsir ebda tibdil mingħajr ma tingħata s-setgħa għaldaqshekk.

(2) Fil-każ ta' mediċini esportati bil-posta n-nuqqas tat-tħaris ta' din il-kondizzjoni jista' jġib dewmien jew konfiska tal-pakki fil-pajjiż tad-destinazzjoni."; u

(ċ) minflok il-Formula E tagħha għandu jidħol dan li ġej:

"FORMULA E

(Artikolu 18 (1))

ORDINANZA DWAR IL-MEDIĊINI PERIKOLUŻI
(Kapitolu 101)

ĊERTIFIKAT TA' TIBDIL TA' DESTINAZZJONI

Jien, b'dan niċċertifika illi awtorizzajt illi d-destinazzjoni tal-partita tal-mediċini, li hawn taħt jinsabu dettalji dwarhom, tiġi mibdula f'dik imsemmija hawn taħt —

Deskrizzjoni u kwantitajiet tal-mediċini	.....
Isem tal-bastiment li bih il-merkanzija nġiebet f'Malta	.....
Isem u indirizz ta' l-esportatur	.....
Numru u data ta' l-awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni u minn min maħruġa l-awtorizzazzjoni	.....
Isem u indirizz tad-destinatarju oriġinali msemmi fl-awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni	.....
Isem u indirizz tad-destinatarju li lilu skond it-tibdil ta' destinazzjoni kif awtorizzat ser tintbagħat il-merkanzija	.....
Numru u data taċ-ċertifikat ta' l-importazzjoni (u minn min maħruġa l-awtorizzazzjoni) li bih ġie awtorizzat it-tibdil ta' destinazzjoni	.....
Isem tal-bastiment li fuqu l-merkanzija hija awtorizzata li tiġi meħuda barra minn Malta	.....

Żmien li fih il-merkanzija għandha tinġarr minn Malta ....

Dan iċ-ċertifikat huwa maħruġ taħt il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(1) Il-kopja duplikata ta' dan iċ-ċertifikat għandha takkumpanja l-merkanzija għall-post ta' destinazzjoni, u għal dan l-iskop għandha tingħata lill-kaptan tal-bastiment li miegħu tintbagħat il-merkanzija.

(2) Dan iċ-ċertifikat ma jeħles lil ebda persuna li jkollha x'taqsam mal-ġarr tal-partita tal-mediċini speċifikata hawn fuq li tħares ir-regolamenti tad-dwana li jkunu jseħħu f'dak iż-żmien dwar l-esportazzjoni ta' merkanzija minn Malta.

(3) Dan iċ-ċertifikat jiswa biss għall-merkanzija u għaż-żmien imsemmijin hawn fuq, u jista' jitħassar f'kull żmien.

(4) Jekk il-partita tal-mediċini ma tinġarrx minn Malta fiż-żmien imsemmi hawn fuq, dan iċ-ċertifikat għandu jingħata lura lit-Tabib Prinċipali tal-Gvern.

(5) Dan iċ-ċertifikat għandu jinġieb f'kull żmien meta mitlub minn persuna awtorizzata għalhekk.

(Data) .....

.....
(Firma u timbru tat-Tabib Prinċipali tal-Gvern)

Nota:

(1) Meta għandu jsir xi tibdil f'din l-awtorizzazzjoni din għandha tinbagħat lura flimkien ma' talba biex isir dan it-tibdil u dikjarazzjoni tar-raġunijiet ta' dan it-tibdil. Ma jista' jsir ebda tibdil mingħajr awtorizzazzjoni.

(2) Dan id-dokument għandu jinġieb quddiem l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż li minnu l-merkanzija tgħaddi, sew jekk tiġi trasbordata jew le. In-nuqqas tat-tħaris ta' din il-kondizzjoni jista' jġib dewmien jew konfiska tal-merkanzija.".

Żieda tat-Tielet Skeda tal-liġi prinċipali.

21. Minnufih wara t-Tieni Skeda li tinsab mal-liġi prinċipali għandha tiżdied din l-iskeda ġdida li ġejja:

"IT-TIELET SKEDA

(Artikolu 22(1D))

TABELLA I

EPHEDRINE
ERGOMETRINE
ERGOTAMINE
LYSERGIC ACID
1-PHENYL-2-PROPANONE
PSEUDOEPHEDRINE
N-ACETYLANTHRANILIC ACID
3, 4-METHYLENEDIOXYPHENYL-2-PROPANONE
SAFROLE
ISOSAFROLE
PIPERONAL

Il-melħ tas-sustanzi mniżżlin f'din it-Tabella kull meta jkun possibbli li jeżisti dak il-melħ.

TABELLA II

ACETIC ANHYDRIDE
ACETONE
ANTHRANILIC ACID
ETHYL ETHER
PHENYLACETIC ACID
PIPERIDINE
METHYL ETHYL KETONE
TOLUENE
POTASSIUM PERMANGANATE
SULPHURIC ACID
HYDROCHLORIC ACID

Il-melħ tas-sustanzi mniżżlin f'din it-Tabella kull meta jkun possibbli li jeżisti dak il-melħ.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 231 tas-16 ta' Frar, 1994.

LAWRENCE GONZI
Speaker

RICHARD J. CAUCHI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati.